**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 415/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 521/1981)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu f'Malta fil-Knisja Parrokjali ta' Ħat-Attard fit-tletin t'April tas-sena elf disa mija u wieħed u tmenin (30/04/1981) u dan min kif jidher mill Att taż-żwieg (komunament imsejjaħ certifikat ta-żwieġ) hawn anness u markat "Dok A", liema żwieġ tagħhom ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta` Malta;
2. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta` separazzjoni datat 13 ta` Lulju tas-sena elf disa mija u wieħed u għoxrin (13/07/2021) fl-atti

tan-Nutar Mark Zaffarese li kopja tiegħu hija hawn annessa u markata Dok B, għalkemm irid jingħad li l-partijiet ilhom separati de facto għal aktar minn għoxrin (20) sena u t-tnejn qabdu ħajja differenti u separata minn xulxin u ma hemmx prospetti li jkun hemm rikonċiljazzjoni;

3. ILLI minn kif jidher mill-ħames paragrafu tal-ewwel paġna tal-kuntratt ta` separazzjoni hawn anness u markat Dok B, dan iz-zwieg tal-koppja kien hemm erba (4) ulied li llum huma lkoll maġġorenni u għaldaqstant ma hemmx obbligi legali ta`manteniment, aċċess u aspetti oħra;

4. ILLI l-partijiet ma għandhomx obbligi kontra xulxin f'dak li jirrigward manteniment u aspetti simili rilevanti għal ksib tad-divorzju;

5. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal Ligijiet ta' Malta.

6. Illi irid jingħad li kif jidher mill-aħħar paġna tal-kuntratt ta' separazzjoni tal partijiet, il-mara irrivertiet għal kunjom xbubitha u cioe' Borg.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti premessi mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tal-1 ta’ Awwissu 2022 fis-sens illi huwa minnu li zzewgu fit-30 ta’ April 2014 gewwa l-knisja Parrokjali ta’ H’Attard u huwa wkoll korrett ir-rikorrenti meta jghid li l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 13 ta’ Lulju 2021 fl-atti tan-Nutar Mark Zaffarese u kienu ilhom separate de facto ghal aktar minn ghoxrin (20) sena u qatt ma kien hemm possibilita li jergghu jirrikonciljaw flimkien;

2. Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom erba (4) ulied li llum hua kollha maggorenni u hemm qbil li ma hemm ebda obbligu legali ta' manteniment u aspetti ohra relatati mat-tfal taghhom u lanqas kontra xulxin tenut kont li ilhom separate de facto ghal aktar minn ghoxrin (20) sena.
3. Illi l-intimata taqbel ma dak espost mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu li hija rrivertiet ghal kunjom xbubitha u cioe Borg u dan ai termini tas-su citat juntratt ta' separazzjoni.
4. Illi l-esponenti m'hijiex tikkontesta t-talba maghmulha mir-rikorrenti ghall-ghoti tad-divorzju minn xulxin u dan anke ghall-fatt li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghall-pronunzjament taz-zwieg taghhom u allura li l-partijiet jinghataw id-divorzju, l-anqas ma hemm oggezzjoni li din l-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien lilu moghti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet fil-kjawza odjerna b'dawk il-provvedimenti kollha mehtiega sabiex dan id-divorzju tal-partijiet fil-kjawza odjerna b'dawk il-provvedimenti kollha mehtiega sabiex dan id-divorzju jigi registrat ai termini kollha tal-ligi.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas7 ta' Settembru 2022;

Rat ir-risposta li gie kkonfermata bil-gurament mill-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom  legalment separati mit-13 ta' Lulju 2021.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.